KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 66 – IT-TNEJN 4 TA' DIĊEMBRU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**66.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

66.1.1 Ma kienx hemm.

**66.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

66.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (65) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

66.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 66.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

66.1 Ma kienx hemm.

## 66.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

66.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien tqassmet l-ittraaħbar lill-komunità tal-Iklin fejn ġie ppreżentat il-programm tal-festi natalizji maħsubin għal din is-sena. Ikkonkluda li hemm programm sabiħ u varjat għall-komunità tal-Iklin u jittama li naraw konkorrenza għal dawn l-attivitajiet fil-ħidma tagħna biex naraw li jitħaddem il-kunċett 'community engagement'.

## 66.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

66.5.1 Ma kienx hemm.

## 66.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

66.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-10 ta' Novembru u d-29 ta' Novembru 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (10 November - 29 November 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 393 | 11/11/2023 | Biex jitranġa l-madum tal-bankina quddiem 96 Triq G Abos | pending | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 394 | 13/11/2023 | Ħofra taħt il-bankina fi Triq Ġ Calleja | pending | Triq Ġ Calleja | **COUNCIL** |
| 395 | 13/11/2023 | Bozza mitfija fi Triq G Curmi c/w Triq S Erardi (L08528) | pending | Triq G Curmi | **ENEMALTA** |
| 396 | 13/11/2023 | Covers ta stop cocks tal-ilma miksurin fi Triq Giovanni Curmi minn quddiem 5 sa 23 | Pending | Triq G Curmi | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 397 | 14/11/2023 | Overhanging wires imdendlin fil-gallarija ta' 84, Triq E S Inglott | settled | Triq E S Inglott | **Go plc** |
| 398 | 16/11/2023 | Hemm ħafna ħaxix li kiber ħafna fi Triq ir-Razzett l-Aħmar mill-borehole 'il fuq. Qed jigirfu l-vetturi. | settled | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **CLEANSING** |
| 399 | 16/11/2023 | Hemm ħafna ħaxix li kiber ħafna fi Triq ir-Razzett l-Aħmar mill-borehole 'il fuq. Qed jigirfu l-vetturi. | settled | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **CLEANSING** |
| 400 | 17/11/2023 | Hemm ħafna ħaxix li kiber ħafna fit-Telgħa tal-Għaqba fil-parti tal-Iklin. | settled | Telgħa tal-Għaqba | **CLEANSING** |
| 401 | 17/11/2023 | Bozza mitfija fi Triq il-Luq (L13128) | pending | Triq il-Luq | **CONTRACTOR** |
| 402 | 21/11/2023 | Talba biex tinqata' siġra 'Bouganvillae ' fejn 2, Triq in-Namur | closed | Triq in-Namur | **Council** |
| 403 | 21/11/2023 | Van DAR901 jitilquh ipparkjat għal 3/4 ġimgħat fi Triq G Calleja | pending | Triq G Calleja | **Community Police** |
| 404 | 21/11/2023 | Trakk/van kbir blue parkjat ħażin fi Triq San Mikiel bi pjanċi barranin | pending | Trqi San Mikiel | **Community Police** |
| 405 | 24/11/2023 | Hemm tappiera ħdejn stabbiliment tan-negozju far id-drenagg u hemm irwejjaħ kbar | WSC - report no. 42714 - closed | Triq in-Naxxar | **WSC** |
| 406 | 24/11/2023 | Hemm bozza maqtugħa fuq nett ta' Triq Ċensu Busuttil qabel iddur għal Triq Ġużè Galea | pending | Triq Ċensu Busuttil | **CONTRACTOR** |
| 407 | 25/11/2023 | Tappiera miftuħa Triq Ġ Abos fejn roundabout | closed | Triq G Abos | **WSC** |
| 408 | 28/11/2023 | Hemm disabled bay quddiem 88 fi Triq Geronimo Abos li skont ir-residenta m'għadiex tintuża għaliex min kien jużaha qiegħed ġo elderly home. | pending | Triq G Abos | **Transport Malta** |
| 409 | 29/11/2023 | Ilment dwar Triq il-Ħwawar il-parti li hi one way, qegħdin jgħaddu bi speed eċċessiv kontra biex jevitaw Triq il-Wied, talba biex issir aktar sorveljanza tal-pulizija | pending | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 410 | 29/11/2023 | Bozza iktar mitfija quddiem 12 Triq il-Hwawar S00628 | pending | Triq il-Ħwawar | **Enemalta** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 411 | 29/11/2023 | Talba għal kinsa ta' ramel fejn zebra crossing fi Triq E S Inglott | settled | Triq E S Inglott | **COUNCIL** |
| 412 | 29/11/2023 | Bozza mitfija mall-ħajt ta' residenza 8, Triq E S Inglott | pending | Triq E S Inglott | **MICAMED** |
| 413 | 29/11/2023 | Kollass ta' ħitan tas-sejjegħ fi Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |

## 66.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

66.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

66.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

66.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia u Godwin Catania.

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' Certified Public Accountant mingħand il-fornitur Parker Randall Turner għall-prezz ta' Eur4,800 għal perjodu ta' tnax-il xhar VAT eskluż; *nem con*

## 66.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

66.8.1 Applikazzjoni PA 07226/23 – 36, Triq in-Namur c/w Triq il-Plejju, L-Iklin 'To propose some alterations to the approved permit PA/03823/21 including excavation of staircase base.

66.8.2 Applikazzjoni PA 04658/23 – Il-Barriera, Unnumbered, Triq in-Naxxar L-Iklin 'Proposed construction basement parking and store, open storage area, store and landscaping as extension of warehousing complex

approved by PA/02645/22. To sanction removal of soil and levelling of rock.

66.8.3 Applikazzjoni PA 05463/23 – 87, Sweet Home, Triq Ġwann Mamo c/w Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin 'Demolition of existing structures and maisonette at first floor level. Construction of 6 apartments and 1 penthouse at receded level. Application also includes the construction of pool at receded floor level.

66.8.4 Applikazzjoni PA 07159/23 – Triq tal-Balal, Għargħur, L-Iklin 'Erection of a single sided static billboard.

**66.9 Preżentazzjoni tal-abbozz tal-istatwa għall-proġett f'Wesgħa J.B. Scicluna.**

66.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippreżenta l-abbozz tal-istatwa li tirraffigura x-xbieha tal-Madonna tal-Għoqiedi maħduma mill-artist bravu Joseph Muscat, moħmija fil-materjal tat-terracotta. F'dan l-istadju, din ix-xbieha hija l-forma ta' kif ser attwalment tidher l-istatwa life-size għal post indikat hawn fuq. Dan l-abbozz se jkun proprjetàtal-Kunsill Lokali L-Iklin u ser ikun esibit fl-Uffiċċju tas-Sindku.

Is-Sindku spjega wkoll li kien irnexxielu jikseb fondi ta' madwar Eur20K mill-Kunsill Reġjonali Lvant għall-kummissjoni ta' din l-istatwa fil-ġebla Maltija tal-franka. Il-fondi ser ikunu pparkajti bħala deferred income sakemm dan il-proġett jiġi attwati. B'dan il-mod, il-Kunsill irnexxielu jottjeni l-fondi biex jiffinanzja dan il-proġett. Sintendi mal-istatwa u l-pedestal, il-Perit ġie kkummissjunat biex jagħmel titjib f'din il-Wesgħa.

66.9.2 Il-Kunsillieri preżenti kellhom kliem ta' tifħir għal dan l-abbozz filwaqt li japprovaw il-proġett propost.

66.9.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-pass li jmiss kien li l-Kunsill jikseb l-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Ministru Dott. Owen Bonnici biex nikkummissjunaw il-proġett lill-artist biex dan il-proġett ikun attwati sas-sena 2025.

66.9.4 Il-Kunsill approva *nem con.*

**66.10 Stallazzjoni ta' CCTV fil-playingfield in konnessjoni ma' SPI/SCI/2/2021.**

66.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-proġett tal-playingfield riesaq lejn it-tmiem tiegħu skont l-iskema indikata hawn fuq fejn matul dawn il-ġranet se tkun qed tiġi stallata sistema ta' CCTV biex tissorvelja l-apparat tal-playingfield.

66.10.2 Is-Sindku kompla li wara li nġiebu l-kwotazzjonijiet u ntagħżel il-fonritur għal dan is-servizz, il-Kunsill se jkun qed jitkellem ma' service provider lokali biex isir arranġament ukoll għas-servizz tal-internet. Qed jaspira li s-sistema tkun *up and running* sal-ewwel ħmistax tas-sena l-ġdida.

66.10.3 L-aħħar fażi tal-proġett skont l-iskema hija l-manutenzjoni tal-gazebo li għal dawn l-aħħar xhur, il-Kunsill sab diffikultajiet f'dan is-settur biex issib ħaddied tas-sengħa li jidħol għal xogħlijiet ta' manutenzjoni.

66.10.4 Il-Kunsill approva nem con.

**66.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

66.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2024 fil-5.30 p.m.

66.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2024 fil-5.00 p.m.

66.12.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-6.00 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv